**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**

**vs**

**Dilshod Imamov**

**Kumpilazzjoni 376/2016**

**Illum 27 ta′ Gunju 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Dilshod Imamov** detentur tal-karta tal-identita′ bin-numru 40336 (A) billi huwa akkuzat talli:

1. Minghir awtorizzazzjoni ikkopja kull data, software jew dokumentazzjoni ta′appogg ghal kull medjum ta′hzin li ma jkunx dak li soltu jinzamm fih jew ghal mkien differenti fil-medjum ta hzin fejn soltu jinzamm (Art. 337 C (1) (c) Kap. 9 tal-Ligijiet ta′ Malta).

2. Minghajr awtorizzazzjoni ha pussess ta′ xi data , software jew dokumentazzjoni ta′appogg jew ghamilt uzu minnhom (Art. 337 C (1) (f) Kap.9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

3. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Milena Chopova, li kienet is-siehba tieghu, u b'mod li kont taf jew imissek tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Art. 251A, Art. 251H(a) tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' milena Chompova, weggaghha bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b' xi mod iehor Art. 252 (1) tal- Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Milena Chompova, weggajtha bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku Art. 252 (3) tal- Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Talli permezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta'stampat, ikun x'ikun il-post li minnu jorigina dak l-istampat, jew bil-mezz ta' xi xandir, ta' malafama lil Milena Chompova. Art.3,11, tal-Kap 248 (Att dwar l-istampa) tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-ligi tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Art. 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal- Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-vittma Milena Chompova.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-Ligijioet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kazta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xieraq.

Il-Kawza giet ikkancellata stante li la l-kwerelant u lanqas l-imputat qatt ma dehru quddiem il-Qorti u l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ghalkemm pruvaw isibu kemm lill-imputat kif ukoll lill-kwerelant, qatt ma rnexxilhom.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**